TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 65/15-F

**Rose Anne Pace**
**vs**
**Joseph Gauci – Gauci Woodworks**

Illum 22 t'Ottubru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-30 ta' Marzu, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elfejn, u tmien mitt ewro (€2,800), rappreżentanti prezz ta' sett bibien *solid oak.*

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata, li huwa rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ordnat sett bibien *solid oak* mingħand is-socjeta' ntimata għal prezz ta' elfejn u tmien mitt ewro (€2,800) u li kienet tat depożitu ta' mitt ewro (€100), u li dawn kellhom ikunu lesti sa Ottubru/Novembru 2014. Illi irriżulta li l-intimat kien talabha mija w għoxrin ewro oħra (€120) depożitu fuq kull bieb inkella ma kienx se jagħmel ix-xogħol għax kien għola l-materjal, u liema depożitu ma ngħatax.

L-intimat issottometta illi huwa kull ma ried kien id-differenza tal-materjal li kien ghola.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi din l-attitudni tal-intimat hija inaċċettabbli stante l-fatt illi jekk inti tagħmel kuntratt, inti aċċettajt li tagħmel dak ix-xogħol b'dak il-prezz u li mhix aċċettabbli illi tbiddel il-kundizzjonijiet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100) tad-depożitu, u kif ukoll ħames mitt ewro (€500) bħala danni morali, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**